MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-28 ta' Lulju, 2014

Numru. 359/2008

**Artikoli 17B, 49, 109(2), 110(2), 111(1), 295, 298D u 308 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Maġistrat**

**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL.D. DIP. MATR. (Can)**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Angelo Gafa')**

**vs**

**PAUL VELLA**

**-OMISSIS-**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **PAUL VELLA** ta' 54 sena, bin Joseph u Pawla nee' Azzopardi, imwieled Mosta fil-31 ta' Mejju, 1953 u residenti f'117, 'Marpaul', Triq it-Trincetta, Mosta u detentur tal-karta tal-identita' numru 430453(M)

U

-OMISSIS- gew imressqa quddiemha u akkuzati talli:

F'dawn il-Gzejjer, fid-19 ta' Marzu, 2008 jew fix-xhur ta' qabel, minghajr l-approvazzjoni bil-miktub tal-Kummissarju tal-Pulizija, b'xi mod li jkun, baghbsu, nehhew, biddlu jew ghamlu numru ta'l-identifikazzjoni ta' *chassis* jew makna ta', jew fuq, vettura bil-mutur;

kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, xjentement issoprimew jew b'xi mod iehor qerdu t-tracci jew l-indizji ta' reat;

**PAUL VELLA wahdu** akkuzat aktar talli fit-3 ta' Awwissu, 2007 u fix-xhud ta' wara, bil-hsieb li jaghmel qliegh b'qerq li jeccedi l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu tal-ewro (€2329.37) ghad-dannu ta' Citadel Insurance plc, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma sehhx minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta' tieghu;

Kif ukoll talli fid-19 ta' Marzu, 2008 jew fix-xhur ta' qabel, bil-hsieb li jikseb ghalih innifsu jew ghal haddiehor il-hlas ta' flus ta' sigurta' kontra r-riskji, jew xi qliegh iehor mhux misthoqq, iddistrugga, xerred 'l hawn u 'l hemm jew gharraq b'xi mezz li jkun, hwejjeg tieghu;

U aktar talli fid-29 ta' Lulju, 2007, fl-Ghassa tal-Pulizija tal-Qawra iddenunzja lill-Pulizija Esekuttiva reat li kien jaf li ma sarx, inkella bil-qerq holoq it-tracci ta' reat b'mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar;

Kif ukoll talli b'hekk sar recidiv a terminu tal-Artikoli 49 et sequitur tal-Kodici Kriminali b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-

Magistrati datati 28 ta' Settembru, 2006, 8 ta' Ottubru, 2006 u 7 ta' Dicembru, 2006;

**-OMISSIS-**

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom estratt mill-att tat-twelid tal-imputat immarkat bhala Dok. AG1 a fol. 5, il-fedina penali tal-imputat immarkata bhala Dok. AG3 a fol. 7 et seq. u l-kunsens tal-Avukat Generali datat 23 ta' April, 2008 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja liema kunsens gie mmarkat bhala Dok. AG5 a fol. 16 tal-Process. Rat illi fl-ezami li sar tal-imputat dan stqarr li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat b'mod sommarju.

Illi nhar l-10 ta' Ottubru, 2008 xehed **Stephen Cachia** ghan-nom tal-ADT u spjega li vettura numru ta' registrazzjoni JBI 757 tal-marka Peugeot 406 ta' kulur abjad tinsab registrata fuq Paul Vella karta ta' identita' numru 430453(m) u ilha hekk registrata mis-17 ta' Ottubru, tas-sena 2006. Spjega ukoll li dwar il-vettura numru ta' registrazzjoni HAW 889 tal-marka Peugeot 306 ta' kulur abjad hija registrata ukoll fuq Paul Vella karta ta' identita' numru 430453(m) u ilha hekk registrata mill-21 ta' Ottubru, tas-sena 2005. Spjega li in kwantu ghat-talba li saritilhom biex jaghmlu verifiki jekk kienx hemm tibdil ta' magni rigwardanti dawn iz-zewg vetturi li ghamel referenza ghalihom jghid illi fir-*records* taghhom ma jirrizulta l-ebda talba jew tibdil in kwantu magni u dan fir-rigward iz-zewg vetturi li semma'.

Illi nhar l-10 ta' Ottubru, 2008 xehed **John Buttigieg** u spjega li huwa l-*Head* tal-*motor claims* tas-Citadel Insurance. Spjega illi fid-dipartiment taghhom fit-3 ta' Awwissu, tas-sena 2007 kien dahal *claim* fejn assigurat taghhom u cioe' Paul Vella karta tal-identita' numru 430453(M) kien allega illi huwa kien ipparkja l-vettura tieghu tal-ghamla Peugeot 306 *registration number* HAW 889 fid-29 ta' Lulju, 2007 gewwa Triq it-Tamal, Qawra u dan ghall-habta tat-8.30p.m. u xi sieghat wara hu mar biex jigbor l-imsemmija vettura u rrealizza li l-imsemmija vettura kienet insterqet. Ikkonferma li Paul Vella kien mela *claim* maghhom. Esebixxa vera kopja ta' dina l-*claim form* li giet esebita u mmarkata bhala dok JB 1. Zied jghid illi d-*department* taghhom kien beda jipprocessa dan il-*claim*.

Huma kienu talbu xi dokumenti lill-assigurat taghhom Paul Vella biex jissostanzja l-*claim* tieghu. Mr Vella gabilhom ir-rapport tal-Pulizija u esebixxa kopja ta' dan ir-rapport li gie mmarkat bhala dok JB 2. Fost dokumenti ohra li talbuh kien hemm il-kondotta tal-Pulizija u anke *sales agreement* tal-vettura. Jghid li Vella kien hadilhom din id-dokumentazzjoni li kienu talbuh.

Dawn id-dokumenti ghenuhom fl-investigazzjoni taghhom. Spjega illi waqt li kienu ghaddejjin bl-investigazzjonijiet taghhom u jidhirlu li kien ghall-habta ta' Jannar, 2008 dahlitilhom telefonata annonima fejn kienu gew infurmati illi d-dikjarazzjoni illi kien ghamel maghhom

Paul Vella li kienet insterqitlu l-karozza ma kinitx minnha. Fil-fatt kien gie rrapportat lilhom li sid il-vettura kien zmantella l-magna minn din il-vettura u li kien iffitja l-istess magna fuq karozza ohra. B'din l-informazzjoni komplew bl-investigazzjonijiet taghhom. Saru jafu ukoll illi Paul Vella verament kellu vettura ohra li kienet ukoll tal-ghamla Peugeot liema vettura l-ohra pero' ma kinitx inxurjata maghhom.

Huma ukoll gabu nformazzjoni teknika u dina l-informazzjoni teknika kienet biex jivverifikaw jekk setghetx tigi zmantellata magna minn karozza u ffitjatha f'karozza ohra u mill-istharrig li ghamlu rrizultalhom li kien possibbli u ghalhekk fic-cirkostanzi u l-informazzjoni li kellhom dehrilhom li huma kellhom jaghtu din l-informazzjoni lill-Pulizija biex dan l-kaz jigi nvestigat minnhom.

Spjega illi matul il-kors ta' dawn l-investigazzjonijiet li ghamlu lil Paul Vella kien kellmu f'zewg okkazzjonijiet u gharfu bhala wiehed mill-imputati prezenti fl-Awla. In kwantu ghas-somma nxurjata rigwardanti l-*claim* li ghamel l-imputat Paul Vella jghid li dina kienet fuq l-ammont ta' erba' telef lira Maltin (LM4,000). Spjega li ma tawx din is-somma lil Paul Vella stante li minn informazzjoni li kellhom kien hemm suspett sufficjenti illi din l-*claim* ma kienx wiehed genwina. Zied jghid illi mbaghad huma kienu gew infurmati mill-Pulizija li dawna kienu ghalqu l-investigazzjonijiet taghhom u li kienu ha jressqu zewg persuni l-Qorti. Spjega illi l-*claim* li ghamel Paul Vella maghhom tinsab sospiza sakemm ikollhom l-ezitu ta' dan il-kaz. Spjega illi fil-fatt wara li huma kienu diga' infurmaw lill-Pulizija Paul Vella kien mar

ghandhom sabiex jara f' liema stadju kienet waslet il-*claim* tieghu. Xtaq jghid illi fl-ebda stadju Paul Vella ma mar biex jirtira din il-*claim*.

Illi nhar l-10 ta' Ottubru, 2008 xehed l-**Ispettur Angelo Gafa'** u spjega li din l-investigazzjoni tikkoncerna rapport li l-Pulizija kienet irceviet minn Citadel Insurance plc datat 5 ta' Marzu, 2008 rigward allegat tentattiv ta' frodi ghad-dannu taghhom. Fil-fatt fir-rapport tas-Citadel, John Buttigieg *Head Personnel Claims Department*, kien spjega li certu Paul Vella karta tal-identita' numru 430453 li ghandu vettura tal-marka Peugeot 306 bin-numru ta' registrazzjoni HAW 889 kien inxurjat maghhom ghas-somma ta' erba' telef lira Maltin (LM4,000). Spjega ukoll li fid-29 ta' Lulju, 2007 mar dan Vella jirraporta gewwa l-Ghassa tal-Pulizija fil-Qawra li kienet insterqitlu din l-istess vettura u nhar it-3 ta' Awwissu, 2007 kien mar jaghmel *claim* dwar dan l-allegat serq gewwa l-ufficini tas-Citadel.

Waqt li kienu qed jipprocessaw din il-*claim* f'Jannar li ghadda s-Citadel ircevew telefonata b'informazzjoni annonima fejn gie rapportat lilhom li Paul Vella kien fil-fatt iffabrika dan ir-rapport tas-serq tal-vettura tieghu u allura ffabrika din il-*claim* u dan billi kien uza l-magna li kienet fuq din l-istess vettura li rraporta misruqa fuq vettura ohra tal-marka Peugeot 406 bin-numru ta' registrazzjoni JBI 757 li ukoll kienet tappartjeni lis-Sur Paul Vella.

L-istess Citadel Insurance kienu hadu parir tekniku fejn hemmhekk irrizultalhom fil-fatt li kien possibbli li l-magna tal-Peugeot 306 kienet tista’ tigi ffitjatha fuq Peugeot 406. Fil-fatt wara li kellhom dan ir-rapport huma ghamlu nvestigazzjonijiet preliminari, b’mod partikolari ma’ Michael Attard Limited l-importaturi f’ Malta tal-Peugeot. Dawn ivverifikaw maghhom li fil-fatt kien verament possibbli li l-magna tal-Peugeot 306 kienet setghet tigi ffitjatha fuq Peugeot 406. Huma hemmhekk kellhom ukoll l-*engine number* u c-*chassis numbers* ta’ dawn iz-zewg vetturi liema nformazzjoni giet moghtija lilhom mis-socjeta’ Michael Attard u sussegwentement kienu kkonfermawlhom din l-informazzjoni mal-ADT.

Huwa kien talab lis-Sur Vella jmur fl-ufficcju tieghu nhar id-19 ta’ Marzu, 2008, u waqt li kien hemm filwaqt li kkonferma illi huwa proprjetarju tal-vettura Peugeot 406 JBI 757 dana stabbilixxa li kumbinazzjoni l-magna ta’ din il-vettura, Peugeot 406 kellha l-hsara fl-14 ta’ Marzu, 2008 u wara li giet ittowjatha fil-garaxx ta’ ibnu fis-Siggiewi din il-magna giet imnehhija mill-istess vettura. Kien f’dan l-istadju li dan Vella holoqlu suspett kbir fejn allura filwaqt li l-informazzjoni li kellu kienet li l-magna tal-Peugeot 306 kienet twahlet fuq il-Peugeot 406 issa ghaliex baghat ghas-Sur Vella u dan qallu li l-magna tal-Peugeot 406 gratilha l-hsara u f’kemm ilu jghidlu f’ jumejn inqalghet.

Pero' sa dak l-istadju ma kellu ebda evidenza li seta' jikkontradixxi dak li kien qed jghid is-Sur Vella. Huwa sussegwentement kien ta struzzjonijiet lis-Surgent 474 Norbert Said u l-Kuntistabbli PC 243 Dexter Cutajar sabiex jaghmlu tfittxijiet gewwa l-Garaxx fis-Siggiewi tas-Sur Alex Vella, iben l-imputat l-ko imputat, peress li Paul Vella kien qalilhom li l-vettura kienet f'dak il-garaxx. Pero' f'dan il-garaxx is-Siggiewi t-tfittxijiet taghhom irrizultaw fin-negattiv. Fil-fatt il-Peugeot 406 bin-numru ta' registrazzjoni JBI 757 dehret li kienet minghajr il-magna u fil-fatt il-magna originali taghha dik bin-numru ta' serje 10CUAW6052759 kienet osservata ma' genb fl-istess garaxx.

Dak il-hin stess Alex Vella kien ikkonferma mal-Pulizija tal-ufficcju tieghu stess li kien hu li nehha din il-magna mill-istess vettura. Saru tfittxijiet ohra pero' l-istess dawn irrizultaw fin-negattiv. Huwa f'dak l-istadju hassu li kien ahjar li jinterroga lis-Sur Alex Vella u fil-fatt dana fi stqarrija li hadlu wara d-debita twissija ammetta mieghu li fil-fatt nehha l-magna minn fuq il-Peugeot 406 bin-numru ta' registrazzjoni JBI 757 li originarjament kienet imwahhla fuq il-Peugeot 306 numru ta' registrazzjoni HAW 889 u li din kienet irrapportata nieqsa minn missieru. Mela dan ikkonferma mieghu li fil-fatt nehha din il-magna imma mhux il-magna tal-Peugeot 406 imma l-magna tal-Peugeot 306 li kienet iffitjatha fuq il-Peugeot 406.  L-istess vettura allura li missieru kien irraporta li nsterqitlu.

Dan spjegalu li fl-14 ta' Marzu, 2008 missieru Paul Vella kien mar fil-garaxx, bil-karozza jigifieri mhux ittowjatha. Kien mar fizikament bil-vettura u talbu hemmhekk biex inehhilu l-magna minn fuq il-Peugeot 406, li fil-fatt Alex Vella accetta li ghamel dak mitlub minnu fis-16 ta' Marzu, 2008 billi bidel din il-magna. Huwa spjega li fil-fatt l-14 ta' Marzu kienet il-gurnata fejn huwa kien cempel lil Paul Vella biex jattendi fl-ufficcju tieghu.

Fil-fatt Alex Vella kkonfermalu li kien hu nnifsu li kien pogga l-magna tal-Peugeot 306 numru ta' registrazzjoni HAW 889 fuq il-Peugeot 406 numru ta' registrazzjoni JBI 757 f'Ottubru jew Novembru tas-sena l-ohra. Ghalkemm hu qal li fejn kienet il-vettura Peugeot 306 numru ta' registrazzjoni HAW 889 ma kellux idea. Pero' kien jaf li missieru kien irraporta din il-vettura misruqa gewwa l-Ghassa tal-Pulizija u fil-fatt jaf ukoll li kienet din ir-raguni ghalfejn missieru talbu jnehhi din il-magna minn fuq il-Peugeot 406 wara li huwa kien cempillu biex jattendi fl-ufficcju tieghu.

Qalilhom ukoll dak il-hin li fil-fatt missieru, kien wara ha s-*cylinder block* ta' din il-magna gewwa ghalqa vicin il-garaxx tieghu fis-Siggiewi wara li hu (Alex Vella) kien qala' il-magna minn fuq il-vettura Peugeot 406. Ghaldaqstant fuq dak li qalilhom Alex Vella regghet saret tfittxija ohra mis-Surgent 474 u PC 243 akkumpanjati min PC 6 tal-Forensika fil-presenza ta' Alex Vella go ghalqa vicin il-garaxx tieghu fis-Siggiewi u hemmhekk instabet l-*engine block* tal-Peugeot 306 li din

allegatament kienet imwahhla originarjament fuq il-Peugeot 406 u din kienet mghottija bi xkora kannella.

Spjega li n-numru fuq il-magna ma kienx jaqbel ma' dak li ghaddewlhom l-ADT u Michael Attard izda fil-fatt minkejja li kienet il-magna tal-Peugeot 306 kellha l-istess numru tal-magna tal-Peugeot 406 u allura n-numru tac-*chassis* 10CUAW6052759, kif ikkonferma maghhom Alex Vella. Ammetta maghhom li kien hu nnifsu li kien biddel dan in-numru, l-*engine number* tal-Peugeot 306 biex gabu jaqbel mal-*engine number* tal-Peugeot 406 u kien f'dak l-istadju ukoll allura li issa kellhom zewg magni li qed igorru l-istess numru ta' serje.

Dakinhar huwa eleva t-tnejn li huma u t-tnejn li huma kellhom l-istess *serial number*. Fil-fatt kienet inharget ircevuta lis-Sur Alex Vella u dawn l-affarijiet ittiehdu gewwa l-*compound* tal-Pulizija f'St Andrews. Fit-tieni stqarrija tieghu ghax sa dak l-istadju kien kollox verbali, Alex Vella kkonferma l-ewwel stqarrija tieghu u ukoll ammetta li qabel ma fil-fatt wahhal il-magna tal-Peugeot 306 bin-numru ta' registrazzjoni HAW 889 fuq il-Peugeot 406 bin-numru ta' registrazzjoni JBI 757 f' Ottubru jew Novembru tas-sena l-ohra, kien hu li nehha n-numru ta' din il-magna permezz ta' *grinder* u hemmhekk ippancja n-numru li kien jaqbel man-numru ta' fuq il-magna tal-Peugeot 406 JBI 757.

Huwa allura sussegwentement interroga lis-Sur Paul Vella wara li hu tah id-debita twissija fejn dan qabel mal-verzjoni li kien ta' ibnu Alex. Fejn ikkonferma li kien hu li talab lil Alex sabiex inehhi l-magna minn

fuq il-Peugeot 406 numru ta’ registrazzjoni JBI 757 u dan meta kienet tappartjeni lill-vettura l-ohra Peugeot 306 numru ta’ registrazzjoni HAW 889 liema vettura kien originarjament irrapporta misruqa ghand il-Pulizija. Ikkonferma li kien hu li rema din il-magna u hbiha go din l-ghalqa u ghattiha bi xkora, u li sussegwentement din giet misjuba mill-Pulizija. Meta gie mistoqsi fejn kienet tinstab il-Peugeot 306 bin-numru ta’ registrazzjoni HAW 889 li hu kien irraporta misruqa dana kull ma qallu hu li kienet spiccuta. Pero’ fejn kienet u x’fatta ma riedx jghidlu. Paul Vella ammetta mieghu li fil-fatt il-Peugeot 306 numru ta’ registrazzjoni HAW 889 qatt ma giet misruqa kif fil-fatt irrapporta mal-Pulizija u anzi stqarr li kien ghamel dan ir-rapport mal-Pulizija sabiex sussegwentement seta’ jaghmel il-*claim* mal-*insurance*.

Bl-ghan specifiku sabiex jiddefroda lill-*Insurance Company*, u dan wara li kellu xi hsarat. Il-vettura tieghu l-Peugeot 306 kienet soffriet xi danni. Ikkonferma ukoll li kien ibnu Alex li fil-fatt kien biddel in-numru tal-magna tal-Peugeot 306 permezz ta’ struzzjonijiet li tah hu nnifsu.

Huwa esebixxa r-rapport li l-Pulizija kienet irceviet minghand is-Citadel Insurance dak datat 5 ta’ Marzu, 2008 li gie mmarkat bhala dokument GAP. Esebixxa l-istqarrija ta’ Paul Vella datata 19 ta’ Marzu, 2008 komposta minn zewg faccati li giet markata bhala dokument GAP 2. Fuqha gharaf il-firem tieghu, ta’ PC 569 Anthony Cassar u tal-imputat Paul Vella li gharfu fl-Awla. Din l-istqarrija

ttiehdet wara d-debita twissija u kien Paul Vella nnifsu li volontarjament irrilaxxa din l-istqarrija. Esebixxa ricevuta mahruga lil Alex Vella tal-affarijiet maqbuda mill-Pulizija u cioe' *short engine* b' numru ta' serje 10CUAW6052759 kif ukoll *engine block* li fuqha kien hemm ukoll *engine number* identiku ghall-ohra ta' 10CUAW6052759 ghalkemm dan l-*engine number* huwa suspettat li huwa wiehed iffalsifikat u li dak in-numru originali taghha huwa ta' 10DNXM6005756 li gie mmarkat bhala dokument GAP 5. Din l-ircevuta hija ffirmata mis-Surgent 474 Norbert Said u minn Alex Vella bin l-imputat. Fil-fatt dawn l-affarijiet instabu gol-garage St Angelo Garage, fi Sqaq ta' Haramija, Siggiewi kif ukoll fl-ghalqa biswit l-istess garage.

Esebixxa sentenza tal-Qorti tal-Magistrati Malta presjeduta mill-Magistrat Dr. Anthony Vella li ggib id-data 22 ta' Settembru, 2006 fl-ismijiet **Il-Pulizija Spettur Stephen Mallia vs Paul Vella** li giet immarkata dokument GAP 6. Esebixxa sentenza ohra l-istess tal-Qorti tal-Magistrati Malta presjeduta minn din il-Qorti kif preseduta fl-ismijiet **Il-Pulizija Spettur Marisa Camilleri vs Paul Vella** moghtija nhar it-8 ta' Ottubru, 2006, li giet immarkata bhala dokument GAP 7. Esebixxa sentenza ohra fl-ismijiet **Il-Pulizija Spettur Stephen Micallef vs Paul Vella** moghtija mill-Qorti tal-Magistrati Malta kif preseduta nhar is-7 ta' Dicembru, tal-2006 li giet markata bhala dokument GAP 8.

Esebixxa rapport imhejji mill-Pulizija minn Eric Crossly, espert tekniku ta' Michael Attard Services Limited importaturi f' Malta tal-vetturi Peugeot li gie mmarkat bhala dokument GAP 11. Esebixxa nformazzjoni teknika fuq il-vettura Peugeot 406 tal-imputat li ghandha *engine number* 10CUAW6052759 *plus* dettalji ohra li johorgu mill-istess informazzjoni teknika li gie mmarkat bhala dokument GAP 12 li gie mghoddi lilhom minn Michael Attard Limited. Esebixxa l-istess informazzjoni teknika din id-darba rigwardanti l-Peugeot 306 li ghandha suppost magna bin-numru 10DXNM6005756 li gie mmarkat bhala dokument GAP 13 liema nformazzjoni giet mghoddija lilhom ukoll minn Michael Attard Limited.

Bhala dokument GAP 14 esebixxa dokumentazzjoni rigwardanti il-vettura JBI 757 rigwardanti Peugeot 406 f' isem Paul Vella. Din l-informazzjoni kienet giet mghoddija lilhom mill-ADT. Bhala dokument GAP 15 esebixxa l-istess informazzjoni li kienu gabu mill-ADT din id-darba rigwardanti vettura ukoll f'isem Paul Vella tal-ghamla Peugeot 306 b'numru ta' registrazzjoni HAW 889. Esebixxa bhala dokument GAP 16 sett ta' 23 ritratt. Dawn ir-ritratti gew mehuda fid-19 ta' Marzu, 2008 minn PC 6 stazzjonat gewwa l-forensika. Fl-ahharnett bhala dokument GAP 17 esebixxa ukoll hdax-il ritratt ukoll mehuda minn PC 6 stazzjonat il-Forensika fid-19 ta' Marzu, 2008.

B' referenza ghar-ritratti GAP 16 dawn ittiehdu fid-19 ta' Marzu, 2008, parti minnhom ittiehdu go barriera u fir-rigward ta' dawk ir-

ritratti dwar il- karozza numru ta' JBI 757 dawn ittiehdu go garaxx St Angelo, fis-Siggiewi.

Illi nhar l-20 ta' April, 2009 xehed l-**Ispettur Angelo Gafa'** u formalment esebixxa l-oggetti ndikati fl-ircevuta bhala dok GAP 5 konsistenti *one short engine bearing engine number* 10CUAW6052759, *one engine block with suspected forged punched engine number* 10CUAW6052759. Zied jghid illi dawna gew esebiti formalment bhala dok NPS 1. Xtaq jghid ukoll li ghaldaqstant dak li esebixxa formalment huma wahda *short engine* u l-ohra *engine block* li prezentement jinsabu fil-*Police Compound* ta' St Andrews.

Illi nhar l-20 ta' April, 2009 xehed **PS 300 Alfred Abela** u spjega illi nhar id-29 ta' Lulju, 2007 ghall-habta ta' nofs il-lejl u ghaxra mar certu Paul Vella gewwa l-Ghassa tal-Pulizija tal-Qawra fejn irraporta li ghall-habta tat-tmienja u nofs ta' filghaxija ta' nhar it-28 ta' Lulju, 2007 kien ipparkja l-vettura tieghu numru ta' registrazzjoni HAW- 889 tal-ghamla Peugeot 306 fi Triq it-Tamal, San Pawl il-Bahar fejn irraporta li x' hin mar lura ghaliha u cioe' ftit minuti qabel ma mar l-Ghassa huwa sab illi l-vettura tieghu ma kinitx ghadha hemm u ghalhekk iddeduca li kienet giet misruqa. Ghaldaqstant huwa talab li jaghmel rapport. Minn naha tieghu huwa staqsa lil Paul Vella li gharfu bhala l-imputat prezenti fl-Awla jekk hu effettivament kienx ipparkja l-vettura tieghu x'imkien iehor pero' huwa rrispondieh li kien cert fejn kien ipparkja l-vettura tieghu. Sabiex ikun cert mija fil-mija ha lill-istess Paul Vella b'

vettura tal-Pulizija u daru l-akwati ta’ Triq it-Tamal u l-akwati l-ohra vicini, pero’ l-vettura ma nstabitx.

Spjega illi x’ hin mar lura l-Ghassa huwa dahhal ir-rapport skond kif kien qallu Paul Vella. Esebixxa l-okkorenza li dahhal hu u giet esebita u mmarkata bhala dok AA 1. Ikkonferma ukoll li dina l-istqarrija dahhalha hu u hija minnu ffirmata.

Illi nhar l-20 ta’ April, 2009 xehed **PC 6 Duncan Demicoli** u kkonferma li kien gibed it-23 ritratt bil-kulur esebiti fl-atti u mmarkati bhala dokument GAP 16 u kkonfema ukoll li kien hu li gibed il-hdax-il ritratt li huma mmarkati bhala  dokument GAP 17. Ikkonferma ukoll li huwa kien gibed kemm ir-ritratti mmarkati  bhala dok GAP 16 u r-ritratti mmarkati bhala dok GAP 17 liema ritratti gew mehuda fuq ordni tal-Ispettur Angelo Gafa’. Spjega li r-ritratti esebiti bhala dok GAP 16 ittiedhu gewwa barriera li kien indikalu l-Ispettur Angelo Gafa’ u dana fil-presenza ta’ bin l-imputat, Alex Vella u kien hemm Kuntistabbli mieghu. Spjega illi in kwantu ghar- ritratti GAP 16 spjega li fil-barriera msemmija kienu sabu partijiet mill-magna tal-karozza.  Spjega li dawn il-partijiet tal-magna kienu mghottija gewwa l-haxix, b’ haxix imqaccat biex jghatti dawna l-partijiet tal-magna. In kwantu ghar-ritratti dok GAP 17 dawn ir-ritratti gibidhom fl-ufficcju tal-Ispettur Angelo Gafa’.

Illi nhar l-20 ta’ April, 2009 xehed **PC 569 Anthony Cassar** u gie muri d-dokument dok GAP 2 li jinsab minn fol 62 sa fol 63 tal-process.

Ikkonferma li dan id-dokument dok GAP 2 hija stqarrija tal-imputat Paul Vella li gharfu prezenti fl-Awla bhala l-imputat prezenti. Ikkonferma li huwa kien prezenti ghat-tehid ta’ din l-istqarrija datata 19 ta’ Marzu, 2008. Ikkonferma ukoll li l-imsemmi mputat Paul Vella kien inghata twissija skond il-Ligi u rrilaxxa din l-istqarrija b’ mod volontarju. Gharaf il-firma tieghu, dik tal-Ispettur Angelo Gafa’ kif ukoll tal-istess imputat li ghazel li jiffirma din l-istqarrija. Dawn il-firem gharafhom kull fejn jidhru fuq din l-istqarrija.

Illi nhar l-20 ta’ April, 2009 xehed **Eric Crossley** bil-lingwa Ingliza u spjega li huwa Manager mas-socjeta  Michael Attard Limited. Huwa ilu jahdem ma’ din il-kumpanija ghal dawn l-ahhar ghoxrin (20) sena. Fil-passat huwa kien Service Manager mal-istess kumpanija u issa qed jiehu hsieb il-garanzija. Gie muri dokument dok GAP 11 li jinsab a folio 88 u 89 fl-atti tal-Process u kkonferma li dan id-dokument ghamlu hu. Il-firma tieghu tinsab specifikament fuq pagna 89 tal-Process.  Rigward dan id-dokument spjega illi din hija l-informazzjoni li giet rikjesta lilu mill-Pulizija fir-rigward ragunijiet teknici relatati ma’ vetturi Peugeot 306 u Peugeot 406.  Gie mitlub ukoll sabiex jaghti dettalji teknici rigward *identification numbers* tal-magni ta’ dawn il-vetturi. Rigward mistoqsija tal-Prosekuzzjoni jekk dawn il-magni tal-Peugeot 306 jistghux jigu ffittjati fuq vetturi tal-marka 406, huwa qal li jkollhom bzonn hafna modifikazzjonijiet u mhijiex ekonomikament viabli biex issir ghalkemm teknikament hija possibbli biex issir.

B'referenza ghal dok GAP 12 li jinsab a fol. 90 sa fol. 97 rigward dan id-dokumentazzjoni huwa xtaq izid li din hija informazzjoni teknika li huwa ghadda lill-Pulizija sabiex iwiegeb it-talba taghhom kif intqal qabel u dan specifikament rigward *chassis number* ta' vettura tal-ghamla Peugeot 406. Rigward dokument dok GAP 13 a fol. 98 sa fol. 102 din hija nformazzjoni specifika tax-*chassis number* ta' Peugeot 306 u hija nformazzjoni li huwa ghadda lill-Pulizija fuq talba taghhom.

Illi nhar it-13 ta' Ottubru, 2010 xehed **Joseph Zammit** u in esekuzzjoni tal-inkarigu moghti lilu minn din il-Qorti b'digriet datat 20 ta' April, 2009 ipprezenta r-relazzjoni tieghu li giet esebita u markata bhala Dok ZJ1.

Illi nhar it-13 ta' Ottubru, 2010 xehed **PS 474 Norbert Said** u spjega li f'Marzu, tas-sena 2008 kienu rcevew rapport minghand ic-Citadel Insurance illi Paul Vella li rah hemmhekk gewwa l-Awla, kien ghamel rapport maghhom illi kienet insterqitlu l-vettura tieghu Peugeot 306 bin-numru ta' registrazzjoni HAW-889. Kellhom suspett illi din il-vettura ma kienitx veru misruqa u dan Paul Vella kien iffitja din il-magna ta' din il-vettura fuq vettura ohra tal-ghamla Peugeot 406 bin-numru ta' registrazzjoni JBI-757. Fil-fatt fid-19 ta' Marzu, 2008 hu flimkien ma' ex-PC 243 Esther Cutajar marru u ghamlu tfittxija fil-garaxx ta' Paul Vella li jinsab f'St. Angelo Garage, Sqaq ta' Haramija, gewwa s-Siggiewi, fejn hemmhekk kienu elevaw bicca mill-magna tal-Peugeot 406 u l-magna tal-Peugeot 306 liema kienet irrappurtata li misruqa. Ta' min jghid illi fuq il-magna tal-Peugeot 306 kien hemm in-

numru tal-magna ppancjat tal-magna l-ohra tal-Peugeot 406. Huma elevahom u haduhom is-St. Andrew Compound tal-Pulizija. Fil-fatt it-tfittxija kienet saret fil-presenza ta' Alex Vella. Gie muri dokument Dok. GAP 3 a fol. 64 u fol-.65. Hija stqarrija ta' Alex Vella u wara li nghata s-solitu twissija li mhux obbligat li jwiegeb ghal kull domanda li ssirlu, ghazel li jiffirma. Gharaf il-firma tieghu, tal-Ispettur u ta' Alex Vella li gharfu presenti fl-Awla. Gie muri ukoll Dok. GAP 4 a fol. 66 u fol. 67. Din hija ukoll stqarrija ta' Alex Vella fejn wara li nghata s-solita twissija li mhux obbligat li jwiegeb ghal kull domanda li ssirlu, ghazel li jiffirma, gharaf il-firma tieghu, tal-Ispettur u ta' Alex Vella. Ircevuta taz-zewg bicciet tal-magni li elevajna. Gharaf il-firma tieghu u l-firma ta' Alex Vella Dok. GAP 5 a fol. 68.

Illi nhar l-14 ta' Frar, 2011 xehed **Dexter Cutajar** u spjega illi fid-dsatax (19) ta' Marzu, tas-sena elfejn u tmienja (2008) huwa kien fil-korp tal-pulizija u kien PC 243. Huwa dak iz-zmien kien stazzjonat l-Economic Crimes Unit.

Fid-data tad-dsatax (19) ta' Marzu, elfejn u tmienja (2008) huwa kien ma' PS 474. Kienu marru ghamlu tfittxija gewwa *garage* sitwat gewwa s-Siggiewi. Hemm hekk kienu qed ifittxu magna ta' vettura Peugeot. Zied jghid li fit-tfittxija li saret gewwa l-*garage* ma kien instab xejn. U mbaghad il-magna li kienu qeghdin ifittxu sabuha ftit 'il boghod minn dan il-*garage* u kienet qieghda gewwa barriera faccata tal-*garage* fejn ghamlu t-tfittxija. Spjega illi matul din it-tfittxija kien hemm prezenti Alex Vella li gharfu bhala wiehed mill-imputati

prezenti fl-Awla li huwa iben l-imputat l-iehor Paul Vella. Spjega li fil-fatt kien l-istess imputat Alex Vella li lilhom kien indikalhom fejn kienet qieghda misjuba din il-magna gewwa dina l-barriera. Gie muri tlieta u ghoxrin (23) ritratt bil-kulur li dawn huma mmarkati bhala Dok. GAP 16. Dawn ir-ritratti juru l-lokalita' fejn sabu l-magna imsemmija. Spjega li fil-fatt l-istess magna kienet ittellghet mill-barriera b'vettura tal-imputat Alex Vella. Spjega ukoll li f'xi whud mir-ritratti li qieghed jara, hemm il-magna li huwa qieghed jgharafha u hemm ukoll f'xi uhud mir-ritratti huwa jidher fihom.

L-istess xhud fl-istess seduta in kontro ezami minn Dr. Lesley Cuschieri ghall-imputat Alex Vella gie mistoqsi jekk kemm 'il darba l-magna huma rawhiex fil-barriera din kinitx mghottija jew le, spjega illi din il-magna kienet qieghda gol-haxix u kienet imgezwra goc-carruta. Fil-fatt ghamel referenza ghal zewg (2) ritratti li huma formanti parti minn Dok. GAP 16 li huma internament immarkati wiehed bhala 08ARN103 u l-iehor bhala 08ARN102. Xtaq jghid illi fil-fatt in kwantu ghar-ritratt 08ARN102 dana r-ritratt hemm il-magna mghottija bil-haxix fuqu u spjega illi meta ttiehed dan ir-ritratt, fil-fatt kienu ghadhom lanqas nizlu hdejn l-istess magna u spjega in kwantu ghar-ritratt l-iehor 08ARN103, spjega illi dan ir-ritratt juri s-sitwazzjoni meta huma kienu nehhew il-haxix minn fuq dina d-drapp u spjega illi kixfu naqra d-drapp biex jikkonfermaw li hija l-magna u dana r-ritratt juri din is-sitwazzjoni bid-drapp li kien hemm fuq l-istess magna.

L-imputat Paul Vella ma xehedx pero' irrilaxja stqarrija u dan a tempo vergine tal-investigazzjoni mizmuma mill-Pulizija esekuttiva nhar id-19 ta' Marzu, 2008 liema stqarrija hija mmarkata bhala dok GAP 2 (fol. 62). F'din l-isqarrija l-imputat kien ammetta mal-pulizija esekuttiva li kien ta' struzzjonijiet lil ibnu Alex Vella sabiex jaqlalu l-magna tal-vettura Peugeot li huwa kellu nstallata fil-vettura tieghu Peugeot mudell 306 numru ta' registrazzjoni HAW 889 u jpoggiha fuq vettura ohra tieghu ukoll tal-ghamla Peugoet izda mudell 406 numru ta' registrazzjoni JBI 757. Jghid ukoll li pero' dakinhar li irrilaxxja l-istqarrija tieghu huwa kien mar ghand ibnu is-Siggiewi u talbu sabiex jerga' jghaqlalu din il-magna li kien ghadu kemm installalu u jghid li kien ghamel hekk ghaliex kellu l-faham miblul. Jghid billi jelabora u jispjega li kien wahhal l-magna tal Peugeot numru ta' registrazzjoni HAW 889 li kien irraporta misruqa mal-Pulizija u li kien sahansitra anke ghamel *claim* mal-Insurance dwarha . Qal li kien hu stess li kien rema din il-blokka tal-magna is-Siggiewi stess. Jghid li fil-fatt il-gimgha ta' qabel kien gibed il-vettura tieghu bit-tow truck sabiex jaghti l-impressjoni li kellha il-hsara izda ma kienx minnu u r-raguni 'l ghala biddel il-magna kienet kif gja spejgata. Ammetta li minkejja li ghamel rapport li l-vettura tieghu tal- ghamla Peogoet mudell 306 insterqet dan ma kienx minnu - qal li kien rapport falz. Jghid li effettivament kien habat biha u ried li jiehu xi haga taghha minghand tal-inusrance ghaliex kienet spiccat u ghalhekk stqarr bla tlaqliq li kemm ir-raport li ghamel ghand il-Pulizija tal- Qawra kif ukoll ir-rapport li ghamel ghand is-socjeta' assikuratrici Citadel kien falz. Mistqosi ghaliex fuq il-magna tal-vettura Peogeot HAW 889 instab ppancjat in-numru tal-magna tal-Peogeot 405 numru ta' registrazzjoni JBI 757 jghid li dan

sar minn ibnu fuq insistenza tieghu. Spicca billi stqarr li ddispjacih talli ghamel u molto piu' li dahhal lil ibnu f'dan l-inkwiet ukoll.

Illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti b'digriet ta' Assenjazzjoni tal-Prim Imhallef datat 21 ta' April, 2014.

Illi nhar l-4 ta' Lulju l-partijiet ittrattaw il-kaz u talbu lil din il-Qorti tghaddi ghas-sentenza finali taghha.

Ikkunsidrat.

Illi in poche parole ma hemmx dubbju li mill-istqarrija li rrilaxja l-imputat stess u mill-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni jirrizulta li effettivament kien ta' struzzjonijiet lil ibnu Alex Vella sabiex inehhi u jbaghbas numru ta' identifikazjoni ta' *chassis* ta' vettura tal-ghamla Peugeot proprjeta' tieghu u dan bil-ghan sabiex ikun jista' jaghmel rapport falz li l-vettura tieghu tal-ghamla Peugeot mudell 306 numru ta' registrazzjoni HAW- 889 insterqet u in segwitu ghamel *claim* falza mas- socjeta' assikuratrici Citadel dwar dan l-allegat serq. M'hemmx dubbju li dan li ghamel l-imputat ghamel b'qerq sabiex jikseb ghalih flus ta' sigurta' meta ma kienx intitolat ghalihom. Dan ghamlu billi ghamel ir rapport lil PS 300 Alfred Abela li l-vettura tieghu nsterqet waqt li kienet ipparkjata l-Qawra.

Illi ghalekk l-ewwel akkuza tirrizulta provata b'mod sodisfacenti ghaliex kien l-imputat stess li qal fl-istqarrija tieghu li kien ta' struzzjonijiet sabiex isir dan it-tibdil fic-*chassis* tal-vettura tieghu. Ghandu jinstab hati ukoll tat-tieni akkuza u dan billi xjentement ipprova jeqred tracci u ndizji tar-reat billi rema l-magna go ghalqa s-Siggiewi u ghattiha u kien biss minhabba l-informazzjoni annonima li rceviet il-Pulizija li dan ir-reat gie skopert. Illi ttenta jiddefroda s-socjeta' assikuratrici Citadel billi pprezenta *claim* u rapport falz sabiex jigi rimborsat ghall-valur tal-vettura tieghu meta kien jaf li ma kienx intitolat ghal tali flejjes. Talli holoq tracci ta' reat b'mod li jistghu jigu nizjati proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir reat kien sar.

Dwar l-akkuza ta' recidiva l-Qorti rat is-sentenzi esebiti f dawn l-atti processwali u cioe' id-dokument GAP 6, GAP 7, u GAP 8 (fol. 69 et seq). Dwar is-sentenza moghtija nhar it-8 ta Settembru, 2006 minn din il-Qorti diversament preseduta jinghad li l-imputat odjern kien instab hati tar-reat ta' ricetazzjoni u gie kkundannat ihallas multa fl-ammont ta' mitt lira maltin (Lm100). Dwar it-tieni sentenza mmarkata bhala dok GAP 7  esebita a fol. 71 jirrizulta li l-imputat kien instab hati minn din il-Qorti kif preseduta nhar it-8 ta Ottubru, 2006 fuq akkuzi ta' feriti ta' natura hafifa fuq xi membri tal-korp tal-Pulizija u xi reati simili u gie kkundannat ihallas multa ta' tlett mitt Lira Maltin (Lm 300). Dwar it-tielet sentenza li nghatat minn din il-Qorti diversament preseduta nhar is-7 ta' Dicembru, 2006 fejn instab hati dwar reati in konnessjoni ma' ksur dwar l-Ordinanza ta' traffiku l-

imputat ukoll gie kkundannat ihallas multa ta' tmenin Lira Maltin (Lm80).

Illi ghalkemm dawn is-sentenzi ma gewx konfermati fil-konfront tal-imputat ma hemmx dubbju li dawn inghataw fil-kofnront tieghu u dan ghaliex il-partikolaritajiet fuq dawn is-sentenzi huma l-istess bhal dawk tal-imputat fl-akkuza odjerna u ghalhekk mhemmx dubbju li ghandu jinstab hati talli huwa recidiv ai termini tal-Artikolu 49 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Pero' il-Prosekuzzjoni ma resqet lill-ebda rappresentant tal-Qrati sabiex jipprova li effettivament dawn il-multi nflitti gew imhallsa u ghalhekk l-Artikolu 50 dwar ir-recidiva ma jistghax japplika ghaliex l-ghaxar snin jibdew jiddekorru biss minn dakinhar li tkun skontat jew li tkun giet mahfura l-piena. Ghalhekk huwa biss fil-kaz li jkun hemm ir-recidiva ai termini tal-Artikolu 50 tal-Kap. 9 li din il-Qorti ma tistghax taghti sentenza ta' prigunerija sospiza (vide l-Artikolu 28A (7)(b) tal-Kap. 9).

**Ghaldaqstant din il-Qorti wara li rat l-Artikoli tal-Ligi u cioe' l-Artikolu 17B, 49, 109(2), 110(2), 111(1), 295, 298D u 308 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta filwaqt li ssibu hati tal-akkuzi kollha kif addebitati fil-konfont tieghu tiddecidi li tikkundannah piena ta' sentejn prigunerija sospizi ghall-perijodu ta' erbgha snin mil-lum ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Tordna li kopja ta’ din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tal-Qorti sabiex jivverifika jekk effettivament il-multi nflitti gewx imhallsa jew le.

Oltre dan tordna l-interdizzjoni tal-imputat ai termini tal-Artikolu 109 (2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ghall-perijodu ta’ ghaxar snin millum.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------